REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 460/2008

tas-27 ta' Mejju 2008

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 85/2004 li jistabbilixxi l-kriterji ta' klassifika tas-suq għat-tuffieħ

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/2007 tas-26 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi regoli speċifiċi rigward is-settur tal-frott u l-ħxejjex u li jemenda d-Direttivi 2001/112/KE u 2001/113/KE u r-Regolamenti (KEE) Nru 827/68, (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2201/96, (KE) Nru 2826/2000, (KE) Nru 1782/2003 u (KE) Nru 318/2006 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2202/96 [1], u partikolarment l-Artikolu 42(a) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 85/2004 [2] jipprovdi b'mod partikolari għal tnaqqis fid-daqs minimu mill-1 ta' Ġunju 2008 sabiex ikun hemm konsistenza ma' l-istandard għat-tuffieħ UNECE-FFV-50 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti. Madankollu, dak l-istandard ġie emendat u d-dispożizzjonijiet dwar id-daqs għandhom jiġu aġġornati skond dan.

(2) Sabiex ikun evitat kwalunkwe konflitt mal-liġi kummerċjali, kull referenza għall-ismijiet kummerċjali għandha titħassar mil-lista tal-varjetajiet ta' tuffieħ stipulata fl-Appendiċi għall-Anness għar-Regolament (KE) Nru 85/2004.

(3) Jeħtieġ ukoll li l-lista tal-varjetajiet tiġi riveduta, sabiex tiffaċilita l-ispezzjonijiet. B'riżultat ta' dan, irid jiżdied is-sinonimu "Renetta del Canada" għall-varjetà "Reinette blanche du Canada" u l-varjetà ta' tuffieħ "Zarja Alatau" trid tkun inkluża fl-istess lista.

(4) Ir-Regolament (KE) Nru 85/2004 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.

(5) Il-miżuri pprovduti b'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 85/2004 huwa emendat skond l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 273, 17.10.2007, p. 1
[2] ĠU L 13, 20.1.2004, p. 3. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament 1238/2005 (ĠU L 200, 30.7.2005, p. 22.

ANNESS

L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 85/2004 hu emendat kif ġej:

(1) Il-punt III jinbidel b'dan li ġej:

"III. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR ID-DAQS

Id-daqs jiġi stabbilit jew skond id-dijametru massimu tat-taqsima ekwatorjali jew inkella skond il-piż.

Għall-varjetajiet kollha u għall-klassijiet kollha d-daqs minimu huwa 60 mm, jekk mkejjel skond id-dijametru jew 90 g, jekk jitkejjel skond il-piż. Frott ta' daqsijiet iżgħar jista' jkun aċċettat, jekk il-livell Brix tal-prodott huwa akbar minn jew indaqs għal 10.5° Brix u d-daqs mhuwiex iżgħar minn 50 mm jew 70 g.

Biex żgur ikun hemm uniformità ta' daqs fil-kaxxa ta' l-ippakkjar:

(a) għal frott li jkun tkejjel skond id-dijametru, id-differenza fid-dijametru bejn il-frott li jkun hemm fl-istess kaxxa għandha tkun limitata għal:

— 5 mm għall-frott tal-Klassi 'Extra' u għall-frott tal-Klassijiet I u II ippakkjat f'ringieli u f'safef. Madankollu, għat-tuffieħ tal-varjetajiet Bramley's Seedling (Bramley, Triomphe de Kiel) u Horneburger, id-differenza fid-dijametru tista' tkun sa 10 mm, u

— 10 mm għall-frott tal-Klassi I ippakkjat sfuż fil-pakkett jew f'pakketti għall-bejgħ. Madankollu, għat-tuffieħ tal-varjetajiet (Bramley, Triomphe de Kiel) u Horneburger, id-differenza fid-dijametru tista' tkun sa 20 mm, jew

(b) għall-frott li jkun tkejjel skond it-toqol, id-differenza fit-toqol bejn il-frott fl-istess pakkett għandha tkun limitata għal:

— 20 % tat-toqol medju tal-frotta individwali fil-pakkett, għall-frott tal-klassi 'Extra' u għall-frott tal-Klassi I u II li jkun ippakkjat f'ringieli u saffi, u

— 25 % tat-toqol medju tal-frotta individwali fil-pakkett għall-frott tal-Klassi I ippakkjat sfuż fil-pakketti jew fil-pakketti għall-bejgħ.

Ma hemmx rekwiżiti għal uniformità fid-daqslimitazzj għal frott tal-Klassi II ippakkjat sfuż fil-pakkett jew f'pakketti għall-bejgħ."

(2) Fl-Appendiċi, il-punt 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-lista mhix eżawrenti tal-varjetajiet ta' tuffieħ ikklassifikati skond il-kriterji tal-kulur, tal-ħmurija samranija u tad-daqs:

Il-frott ta' varjetajiet li ma jiffurmawx parti mil-lista għandhom ikunu kklassifikati skond il-karatteristiċi varjetali tagħhom.

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
African Red		B		
Akane	Tohoku 3	B		
Alborz Seedling		C		
Aldas		B		L
Alice		B		
Alkmene	Early Windsor	C		
Alwa		B		
Angold		C		L
Apollo	Beauty of Blackmoor	C		L
Arkcharm	Arkansas No 18, A 18	C		L
Arlet		B	R	
Aroma Mutanti ta' kulur aħmar ta' Aroma, pereżempju Aroma Amorosa		C B		
Auksis		B		
Belfort	Pella	B		
Belle de Boskoop u mutanti		D	R	L
Belle fleur double		D		L
Berlepsch	Freiherr von Berlepsch	C		
Berlepsch rouge	Red Berlepsch, Roter Berlepsch	B		
Blushed Golden				L
Bohemia		B		L
Boskoop rouge	Red Boskoop, Roter Boskoop	B	R	L
Braeburn Mutanti ta' kulur aħmar ta' Braeburn, pereżempju: Hidala Joburn Lochbuie Red Braeburn Mahana Red Mariri Red Redfield Royal Braeburn		B A		L L
Bramley's Seedling	Bramley, Triomphe de Kiel	D		L
Brettacher Sämling		D		L
Calville (grupp ta'…)		D		L
Cardinal		B		
Carola	Kalco	C		L
Caudle		B		
Charden		D		L
Charles Ross		D		L
Civni		B		
Coromandel Red	Corodel	A		
Cortland		B		L

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Cox's orange pippin u mutanti	Cox Orange	C	R	
Mutanti ta' kulur aħmar ta' Cox's Orange Pippin, pereżempju: Cherry Cox		B	R	
Crimson Bramley		D		L
Cripps Pink		C		
Cripps Red		C (*)		
Dalinbel		B		
Delblush		D		L
Delcorf u mutanti, pereżempju: Dalili Monidel		C		L
Delgollune		B		L
Delicious ordinaire	Ordinary Delicious	B		
Deljeni		D		L
Delikates		B		
Delor		C		L
Discovery		C		
Dunn's Seedling		D	R	
Dykmanns Zoet		C		
Egremont Russet		D	R	
Elan		D		L
Elise	Red Delight	A		L
Ellison's orange	Ellison	C		L
Elstar u mutanti, pereżempju: Daliter Elshof Elstar Armhold Elstar Reinhardt		C		
Mutanti ta' kulur aħmar ta' Elstar, pereżempju: Bel-El Daliest Goedhof Red Elstar Valstar		B		
Empire		A		
Falstaff		C		
Fiesta	Red Pippin	C		
Florina		B		L
Fortune		D	R	
Fuji u mutanti		B		L

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Gala		C		
Mutanti ta' kulur aħmar ta' Gala, pereżempju: Annaglo Baigent Galaxy Mitchgla Obrogala Regala Regal Prince Tenroy		A		
Garcia		D		L
Gloster		B		L
Goldbohemia		D		L
Golden Delicious u mutanti		D		L
Golden Russet		D	R	
Goldrush	Coop 38	D		L
Goldstar		D		L
Gradigold		D		L
Granny Smith		D		L
Gravenstein rouge	Red Gravenstein, Roter Gravensteiner	B		L
Gravensteiner	Gravenstein	D		L
Greensleeves		D		L
Holsteiner Cox u mutanti	Holstein	D	R	
Holstein rouge	Red Holstein, Roter Holsteiner Cox	C	R	
Honeycrisp		C		L
Honeygold		D		L
Horneburger		D		L
Howgate Wonder	Manga	D		L
Idared		B		L
Ingrid Marie		B	R	
Isbranica	Izbranica	C		
Jacob Fisher		D		L
Jacques Lebel		D		L
Jamba		C		L
James Grieve u mutanti		D		L
James Grieve rouge	Red James Grieve	B		L
Jarka		C		L
Jerseymac		B		

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Jester		D		L
Jonagold (**) u mutanti, pereżempju:		C		L
Crowngold				
Daligo				
Daliguy	Jonasty			
Dalijean	Jonamel			
Jonagold 2000	Excel			
Jonabel				
Jonabres				
King Jonagold				
New Jonagold	Fukushima			
Novajo	Veulemanns			
Schneica				
Wilmuta				
Jonagored u mutanti, pereżempju:		A		L
Decosta				
Jomured	Van de Poel			
Jonagold Boerekamp				
Jomar				
Jonagored Supra				
Jonaveld				
Primo				
Romagold	Surkijn			
Rubinstar				
Red Jonaprince				
Jonalord		C		
Jonathan		B		
Julia		B		
Jupiter		D		L
Karmijn de Sonnaville		C	R	L
Katy	Katja	B		
Kent		D	R	
Kidd's orange red		C	R	
Kim		B		
Koit		C		L
Krameri Tuvioun		B		
Kukikovskoje		B		
Lady Williams		B		L
Lane's Prince Albert		D		L
Laxton's Superb	Laxtons Superb	C	R	
Ligol		B		L
Lobo		B		
Lodel		A		
Lord Lambourne		C		

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Maigold		B		
Mc Intosh		B		
Meelis		B		L
Melba		B		
Melodie		B		L
Melrose		C		L
Meridian		C		
Moonglo		C		
Morgenduft	Imperatore	B		L
Mountain Cove		D		L
Mutsu		D		L
Normanda		C		L
Nueva Europa		C		
Nueva Orleans		B		L
Odin		B		
Ontario		B		L
Orlovskoje Polosatoje		C		
Ozark Gold		D		L
Paula Red		B		
Pero de Cirio		D		L
Piglos		B		L
Pikant		B		L
Pikkolo		C		
Pilot		C		
Pimona		C		
Pinova		C		
Pirella		B		L
Piros		C		L
Rafzubex		A		
Rafzubin		C		
Rajka		B		
Rambour d'hiver		D		L
Rambour Franc		B		
Reanda		B		L

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Rebella		C		L
Red Delicious u mutanti, pereżempju: Camspur Erovan Evasni Flatrar Fortuna Delicious Otago Red King Red Spur Red York Richared Royal Red Sandidge Shotwell Delicious Stark Delicious Starking Starkrimson Starkspur Topred Trumdor Well Spur		A		L
Red Dougherty		A		
Red Rome		A		
Redkroft		A		
Regal		A		
Regina		B		L
Reglindis		C		L
Reine des Reinettes	Goldparmäne, Gold Parmoné	C		
Reineta Encarnada		B		
Reinette Rouge du Canada		B		L
Reinette d'Orléans		D		L
Reinette Blanche du Canada	Reinette du Canada, Canada Blanc, Kanadarenette, Renetta del Canada	D	R	L
Reinette de France		D		L
Reinette de Landsberg		D		L
Reinette grise du Canada	Graue Kanadarenette	D	R	L
Relinda		C		
Remo		B		
Renora		B		L
Resi		B		
Resista		D		L
Retina		B		L
Rewena		B		L
Roja de Benejama	Verruga, Roja del Valle, Clavelina	A		
Rome Beauty	Belle de Rome, Rome	B		
Rosana	Berner Rosenapfel	B		L

Varjetajiet	Sinonimi	Grupp tal-kulur	Ħmurija samranija	Daqs
Royal Beaut		A		L
Rubin		C		L
Rubinola		B		L
Sciearly		A		
Scifresh		B		
Sciglo		A		
Sciray	GS48	A		
Scired		A	R	
Sciros		A		L
Selena		B		L
Shampion		B		L
Sidrunkollane Talioun		D		L
Sinap Orlovskij	Orlovski Sinap	D		L
Snygold	Earlygold	D		L
Sommerregent		C		
Spartan		A		
Splendour		A		
St. Edmunds Pippin		D	R	
Stark's Earliest		C		
Štaris	Staris	A		
Sturmer Pippin		D	R	
Sügisdessert		C		L
Sügisjoonik		C		L
Summerred		B		
Sunrise		A		
Sunset		D	R	
Suntan		D	R	L
Sweet Caroline		C		L
Talvenauding		B		
Tellisaare		B		
Tiina		B		L
Topaz		B		
Tydeman's Early Worcester	Tydeman's Early	B		L
Veteran		B		
Vista Bella	Bellavista	B		
Wealthy		B		
Worcester Pearmain		B		
York		B		
Zarja Alatau	Zarya Alatau	D		

(*) Talanqas 20 % ħmura fil-Klassi I u fil-Klassi II.
(**) Madankollu, għall-varjetà Jonagold, talanqas 1/10 tal-wiċċ tal-frott fil-klassi II irid ikun bl-istrixxi ta' kulur aħmar."